MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 837/2005

**Joseph sive Joanne Cassar (ID 535381 M)**

**vs.**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 13 ta' Settembru 2005 u pprezentata quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attur twieled fl-24 ta' Settembru 1981 u gie registrat fl-att tat-twelid tieghu bhala ta' sess maskili, kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid (Dok. “A”).

Illi l-attur huwa domiciljat hawn Malta.

Illi minn ckunitu, l-esponenti kellu inklinazzjonijiet, atteggjamenti u orjentamenti femminili, kemm psikologikament kif ukoll estranament.

Illi ghalhekk, sabiex jehles mill-konfini interni ghar-rigward tal-personalitajiet tieghu, l-attur issottometta ruhu ghall-operazzjoni kirurgika maghrufa bhala *“gender reassignment”* u b’hekk assuma s-sess femminili b’mod irreversibbli. Dan jirrizulta mill-anness certifikat mahrug l-Ingilterra (Dok. “B”);

Illi l-**artikolu 257A tal-Kap 16** jistabbilixxi illi l-attur, f’dawn ic-cirkostanzi, jista’ jitlob permezz ta’ citazzjoni, sabiex tigi mibdula l-annotazzjoni dwar is-sess fic-certifikat tat-twelid tieghu;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara illi l-attur assuma s-sess femminili b’mod irreversibbli kif kontemplat fl-**artikolu 257A (2) tal-Kap 16**, u dan permezz ta’ periti nominandi.

2. Tordna lill-konvenut sabiex jaghmel annotazzjoni fl-atti tat-twelid ta’ l-attur rigward il-partikolaritajiet dwar is-sess assunt minnu, kif kontemplat fl-**artikolu 257(A) tal-Kap.16** fis-sens illi s-sess ta’ l-attur fl-istess certifkati tat-twelid jigi jaqra “femminili”.

3. Tordna lill-konvenut sabiex jaghmel annotazzjoni wkoll fis-sens illi isem l-attur minn Joseph, isir jaqra Joanne.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta’ l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti u mmarkati bhala Dok. “A’ li huwa certifikat tat-twelid u Dok. “B” li huwa certifikat mediku kif jidhru a fol. 5 u 6 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh fid-19 ta’ Settembru 2005 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tat-22 ta’ Novembru 2005.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 13 ta’ Ottubru 2005 a fol 11 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi fil-mertu l-esponenti mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti .

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg li tingieb il-prova tad-domicilju u li Joseph sive Joanne Cassar ma kkontrattax zwieg u dan *ai termini* ta’ l-**artikolu 257A tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzeta tal-Gvern *ai termini* ta’ l-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjes ta’ l-istanti.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol 12 u 13 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-22 ta’ Novembru 2005 a fol 14 tal-process fejn deher Dr David Camilleri ghall-attur u ta ruhu b’notifikat bl-avviz tas-smiegh. Il-kawza giet differita ghad-

9 ta’ Dicembru 2005 ghall-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* ta’ l-**artikolu 254 tal-Kap 16;** u tad-9 ta’ Dicembru 2005 fejn deher Dr David Camilleri ghan-naha attrici u Dr Roma D’Alessandro ghad-Direttur konvenut. Gie inserit fil-process kopja ta’ l-avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern. Dr David Camilleri pprezenta affidavit tan-naha attrici b’kopja lill-kontro-parti li irtirat l-istess *seduta stante*. Fuq talba tan-naha attrici u a spejjes ta’ l-istess il-Qorti nnominat lil Profs. Mark Brincat bhala espert mediku biex jezamina lil Joseph Cassar u jirrelata dwar l-aspett mediku. Il-kawza giet differita ghad-9 ta’ Frar 2006 ghal prezentata tar-rapport mediku.

Rat in-nota ta’ l-attur li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess f’ *seduta stante* tad-9 ta’ Dicembru 2005.

Rat l-avviz migjub fil-Gazetta tal-Gvern fil-harga tad-29 ta’ Novembru 2005 a fol 20 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta tad-9 ta’ Frar 2006 a fol 21 tal-process fejn deher Dr. David Camilleri ghall-attur prezenti li ddikjara li m’ghandux provi aktar. Inghata digriet fejn il-Qorti ordnat lill-konvenut sabiex sa zmien tletin (30) gurnata jipprezenta l-affidavit tieghu u tax-xhieda minnu ndikati, li jistghu isiru bil-procedura ta’ l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b’riserva ta’ kontro-ezami. Il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghat-23 ta’ Frar 2006; u tad-23 ta’ Frar 2006 fejn deher Dr. David Camilleri ghall-attur prezenti u Dr. Roma D’ Alessandro ghall-intimat. Dr. Camilleri nforma lill-Qorti li l-Espert Mediku ezamina lill-attur u talab li jaghmel affidavit ulterjuri dwar it-tieni eccezzjoni u l-Qorti taghtu tletin jum. Il-kawza giet differita ghall-prezentata tar-rapport u okkorrendo finali trattazzjoni ghad-9 ta’ Mejju 2006; u tad-9 ta’ Mejju 2006 fejn deher Profs Mark Brincat li halef ir-rapport. Deher ukoll Dr. Peter Grech ghad-Direttur Registru Pubbliku u Dr David Camilleri ghall-attur prezenti. Xehed bil-gurament l-attur **Joseph sive Joanne Cassar.** Dr. David Camilleri rrimetta ruhu ghar-rapport. Il-kawza giet differita ghall-

ezami tar-rapport u finali trattazzjoni ghall-31 ta' Mejju 2006.

Rat ir-rapport tal-Profs. Mark P Brincat mahrug fit-12 ta' April 2006 u mahluf fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2006.

Rat il-verbal tal-31 ta' Mejju 2006 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet u l-attur, id-difensuri tal-partijiet irremettew ruhhom ghall-provi prodotti u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Gunju 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-attur li huwa domiciljat Malta allega li twieled fl-24 ta' Settembru 1981 u gie registrat fl-att tat-twelid tieghu bhala ta' sess maskili, kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid (Dok. “A”); u peress li minn ckunitu, l-esponenti kellu inklinazzjonijiet, atteggjamenti u orjentamenti femminili, kemm psikologikament kif ukoll estranament huwa ssottometta ruhu ghall-operazzjoni kirurgika maghrufa bhala *“gender reassignment”* u b'hekk assuma s-sess femminili b'mod irreversibbli u dan jirrizulta mill-anness certifikat mahrug l-Ingilterra (Dok. “B”); ghalhekk a bazi ta' l-**artikolu 257A tal-Kap 16** sabiex tigi mibdula l-annotazzjoni dwar is-sess fic-certifikat tat-twelid tieghu; u kien ghalhekk li talab li din il-Qorti tiddikjara illi huwa assuma s-sess femminili b'mod irreversibbli kif kontemplat fl-**artikolu 257A (2) tal-Kap 16**, u dan permezz ta' periti nominandi; tordna lill-konvenut sabiex jaghmel annotazzjoni fl-atti tat-twelid ta' l-attur rigward il-partikolaritajiet dwar is-sess assunt minnu, kif kontemplat fl-**artikolu 257(A) tal-Kap.16** fis-sens illi s-sess ta' l-attur fl-istess certifkati tat-twelid jigi jaqra “femminili” u wkoll sabiex issir annotazzjoni fis-sens illi isem l-attur minn Joseph, isir jaqra Joanne.

Illi mill-provi prodotti jidher li t-talba hija gustifikata peress li jidher li l-attur kellu verament inklinazzjonihjiet feminili u beda jiehu hormontherapy u fl-20 ta' Jannar 2005 ghamel operazjoni ta' *gender reassignment* gjo l-Ingilterra li rnexxiet u fil-fatt l-istess attur jghid li jhossu ghal kollox bhal mara u ghalhekk qed jaghmel din il-kawza sabiex isiru l-korrezzjonijiet opportuni sa biex huwa jigi ndikat bhala mara u ismu jsir Joanne. Illi prova li saret l-istess operazzjoni huwa ccertifikat datat 28 ta' Frar 2005 mahrug minn Mr. Philip J. Thomas li ikkonferma li l-attur huwa llum mara u l-procedura hija irriversibbli u dan skond Dok. "B" anness mac-citazzjoni attrici. Ikkonferma wkoll li huwa mhux mizzewweg u dejjem sallum ghex Malta.

Illi l-espert mediku il-Professur M.P. Brincat b'certifikat datat 16 ta' Jannar 2006 mahluf fl-10 ta' Marzu 2006 ikkonferma li wara li ezamina lill-attur, l-attur ghandu l-persuna ta' mara u li *"she is phenotypically female"* kollox kif jidher a fol. 30 tal-process u ghalhekk din il-Qorti thoss li t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha u tordna li jsiru l-korrezzjonijiet rikjesti u necessarji kollha abbazi ta' l-**artikoli 257A, 257B u 257 C tal-Kap 16.**

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn decz, **tilqa' t-talbiet attrici** fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi l-attur assuma s-sess femminili b'mod irreversibbli kif kontemplat fl-**artikolu 257A (2) tal-Kap 16** u dan kif gie ppruvat u kkonfermat mill-espert mediku li gie appositament nominat.

2. Tordna lill-konvenut sabiex jaghmel annotazzjoni fl-atti tat-twelid ta' l-attur rigward il-partikolaritajiet dwar is-sess assunt minnu, kif kontemplat fl-**artikolu 257A tal-Kap.16** fis-sens illi s-sess ta' l-attur fl-istess certifikat tat-twelid jigi jaqra "femminili".

3. Tordna lill-konvenut sabiex jaghmel annotazzjoni wkoll fis-sens illi isem l-attur minn “Joseph”, isir jaqra “Joanne” u dan kollox *ai termini* tad-disposizzjonijiet appositi tal-**Kap 16** inkluzi l-**artikoli 257 A, 257 B, u 257 C ta’ l-istess Kap.**

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f’gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta’ kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssoportati mill-istess attrici odjerna abbazi ta’ l-**artikolu 257 A (5) tal-Kap 16.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------